MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 523/2007

**Rita xebba Wirth - Karta tal-Identita' Numru 96062M**

**-vs-**

**Simon Castillo u martu Joanna Castillo**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors maħluf presentat fl-14 ta' Mejju 2007 li jgħid hekk testwalment -

" 1. Illi bi skrittura privata tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elfejn u wiehed (2001), l-intimati obbligaw ruhhom favur l-esponenti illi jwettqu kuntratt ta' appalt konsistenti minn diversi xogholijiet fuq id-dar numru sitta (6) Sqaq numru tlieta (3), Triq il-Mithna, Attard;

2. Illi dan l-appalt kellu jitwettaq u jitlesta '*to a high standard of workmanship*' sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2002, u sa dik il-gurnata, id-dar tal-esponenti kellha tkun lesta ghall-abitazzjoni ;

3. Illi effettivament l-intimati wettqu biss parti minn dan l-appalt, u issa ilhom illi waqfu prattikament ghal kollox minn dawn ix-xogholijiet ghal diversi xhur, jekk mhux snin; u f'partijiet sostanzjali ix-xoghol effettivament ezegwit minnhom ma kienx skond l-arti u s-sengha ;

4. Illi l-esponenti gia hallset lill-intimati ammont akbar mill-valur tax-xogholijiet minnhom ezegwiti u ghalhekk trid illi l-ammont imhallas zejjed minnha jigi rifuz lura lilha ;

5. Illi per konsegwenza tas-suespost, l-esponenti sofriet danni ingenti konsistenti dawn id-danni f'ammont akbar illi hija issa ser tkun kostretta thallas sabiex l-istess xogholijiet illi l-intimati kellhom iwettqu sas-sena 2002 jitkomplew minn persuni ohra skond il-prezzijiet korrenti llum u fit-telf ta' uzu tad-dar taghha ghal tul is-snin kollha sal-2002 sa meta issa effettivament jitlesta x-xoghol u d-dar tkun abitabbli ;

6. Illi ghaldaqstant l-esponenti trid illi (a) tigi awtorizzata tittermina l-kuntratt ta' appalt moghti minnha lill-intimati (b) illi dawn jigi kundannati jirrifondulha l-ammont zejjed imhallas minnha meta jittiehed in konsiderazzjoni l-valur tax-xogholijiet efettivament ezegwiti minnhom u (c) illi dawn ihallsuha d-danni sofferti minnha per konsegwenza tal-inadempjenza da parti taghhom tal-istess kuntratt ta' appalt u fit-telf ta' uzu tad-dar taghha kif fuq inghad ;

Ghidu ghalhekk intom konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, okkorrendo ad opera ta' perit nominand :

1. Tiddikjara illi intom inqastu illi twettqu l-kuntratt ta' appalt moghti lilkom bis-sahha tal-iskrittura tal-24 ta' Lulju 2001 fit-terminu stipulat fl-istess skrittura u sa standard gholi kif hemm specifikat ;

2. Konsegwentement tawtorizza lill-attrici illi tittermina l-istess kuntratt ta' appalt ;

3. Tillikwida l-ammont zejjed imhallas mill-attrici lilkom bi hlas ta' dan l-appalt mehud in konsiderazzjoni l-valur tax-xoghol pattwit ma' dak effettivament ezegwit minnkom ;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza tan-nuqqas taghkom illi twettqu dan il-kuntratt ta' appalt fiz-zmien u fit-termini u bil-kondizzjonijiet elenkati f'dik l-iskrittura billi tiddikjara illi jikkonsistu f'ammont akbar illi hija issa ser tkun kostretta thallas sabiex l-istess xogholijiet illi l-intimati kellhom iwettqu sas-sena 2002 jitkomplew minn persuni ohra skond il-prezzijiet korrenti llum u fit-telf ta' uzu tad-dar taghha ghal tul is-snin kollha mill-2002 sa meta issa effettivament jitlesta x-xoghol u d-dar tkun abitabbli ;

5. Tikkundannakom thallsu l-ammonti likwidati skond it-tielet u r- raba' talba ta' hawn fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2006 u tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' April 2007, kontra taghkom, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunta. "

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi flimkien mad-dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenuti presentata fil-<u>5 ta' Lulju 2007</u> li tghid hekk testwalment –

" 1. <u>Fatti</u>

1.1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati hlief ghal dak li jirrigwarda d-data ta' tlestija tal-progett ;

1.2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paaragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi x-xoghol li sar

kien tajjeb u ghaliex hemm ragunijiet tajba ghall-waqfien tax-xogholijiet ;

1.3. Illi l-fatti dikjarati fir-raba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma jirrizultawx izda anzi jirrizulta li l-attrici ghandha thallas lill-eccipjenti ;

2. Eccezzjonijiet

2.1. Preliminarjament jigi rilevat li l-intimata Joanna Castillo giet indikata hazin fir-rikors promotur *stante* li jisimha Johanna u mhux Joanna.

2.2. Illi kien hemm ragunijiet tajba u sufficjenti ghaliex il-konvenut ma kompliex ix-xogholijiet u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal- kawza ;

2.3. Illi effettivament l-attrici ghadha ma hallsitx ghall-valur tax-xogholijiet li fil-fatt saru ;

2.4. Illi l-esponent ma kkawzax danni lill-attrici ;

2.5. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu mihuda bl-ispejjez kontra taghha ;

2.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz. “

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuti.

Rat in-nota tal-attrici presentata fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2009 fejn, ghax il-mertu kien ezawrit, cediet il-mertu. Konsegwenza ta’ l-presentata ta’ dik in-nota, din il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu ta’ l-kawza.

B’hekk dak l-unika pendenza bejn il-partijiet kien il-hlas tal-ispejjes tal-kawza.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti presentata fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2009 fejn accettaw li jhallsu l-ispejjes tal-kawza.

**In vista tal-premess, tiddeciedi l-kap tal-ispejjes ta' din il-kawza, billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez <u>kollha</u> ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-attrici li jikkomprendu l-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2006 u tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' April 2007.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------